# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

---

8 ta' Jannar, 1959

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Michele Peresso

## "Learner" — "Apprentice" — Art. 2 tal-Att X tal-1952.

*L-Att X ta' l-1952 jagħmel differenza bejn "apprentice" u "learner", li hija merament teknika, u tikkonsisti f'rekwiżit partikulari li trid il-liġi fil-każ ta' l-"apprentice", ċjoè ir-rabta reċiproka b'"written agreement". Kieku ma kienx hemm dan ir-rekwiżit speċjali, id-differenza kienet tkun imperċettibbli jew xejn.*

*Biex persuna tkun "learner" fis-sens tal-liġi, jeħtieġ li dik il-persuna tkun qegħedha tirċievi xi istruzzjoni speċjali, u mhux biżżejjed li sempliċement tkun qegħedha tipperfezzjona ruħha biż-żmien fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet. Jeħtieġ li jirriżulta xi ħaġa aktar milli sempliċement il-każ ta' bniedem, sija pure fil-limiti ta' l-età ta' bejn l-erbatax u d-dsatax il-sena, li jkun ġa jaf is-sengħa, u biss ikun qiegħed jakkwista aktar prattika billi jkun impjegat f'dik is-sengħa; jeħtieġ li dak il-bniedem ikun qiegħed jakkwista xi ħaġa ġdida li ma kienx jaf qabel, u, dippjù, li jkun hemm xi ħadd li jkun qiegħed jgħallmu dak li ma jafx.*

*Għaldaqstant, min jimpjega miegħu persuna ta' l-età bejn l-erbatax u d-dsatax il-sena biex jaħdimlu f'sengħa li dak l-impjegat ġa jafha, mingħajr ma jgħallmu xejn ġdid f'dik is-sengħa, mhux suġġett għall-liġi li tirregola l-impieg tal-"learners".*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Belt, f'dawn l-aħħar tliet xhur, billi huwa proprjetarju tan-"New Art Press" f'numru 171, Merchants Street, ħaddem bħala "learners" lil Michael Damato u lil Vincent Ciappara (it-tnejn ta' età ta' anqas minn 19 il-sena) mingħajr permess bil-miktub mid-Direttur tax-Xogħlijiet, naqas li jibgħat lill-istess Direttur iċ-ċertifikat tagħhom ris-

[illegible]vament, u ħallas lil Michael Damato paga anqas milli kien imissu;

Rat it-talba tal-Pulizija biex l-imsemmi Michael Peresso jiġi mġiegħel li jħallas is-somma ta' £25.14.0 li tappartjeni lill-imsemmi Michael Damato bħala differenza fil-paga tiegħu għall-perijodu mill-ewwel ta' Jannar sat-12 ta' Awissu, 1954;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Settembru, 1954, li biha ddikjarat illi Ciappara u Damato ma humiex "learners" fis-sens tal-liġi, u li għalhekk id-dispożizzjoni tal-liġi li l-imputat ġie allegat li vvijola ma tapplikax għalihom, u f'dan is-sens iddikjarat l-imputat mhux ħati u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih appella middeċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li l-imputat jiġi misjub ħati skond l-imputazzjoni;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat;*

Il-gravam tal-Prosekuzzjoni hu dwar pont ta' liġi, fissens li tikkontrasta l-interpretazzjoni li tal-kelma "learner" tat il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza;

Il-Maġistrat, in sostanza, irritjena li, biex persuna tkun "learner" fis-sens tal-liġi, jeħtieġ li tkun qegħedha tirċievi xi istruzzjoni speċjali, u ma hux biżżejjed li sempliċement tkun qegħedha tipperfezzjona ruħha biż-żmien filkors ordinarju ta' l-affarijiet;

Il-Prosekuzzjoni, kif jidher mir-rikors, issostni li, biex persuna tkun "learner" fis-sens tal-liġi, biżżejjed li tkun ta' l-età ta' aktar minn 14 il-sena u anqas minn 19, u tkun qegħedha tiġi mrawma fis-sengħa;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (Att X ta' l-1952), hemm differenza bejn "apprentice" u "learner". Din id-differenza hi merament teknika, vwoldiri tikkonsisti f'rekwiżit partikulari li trid il-liġi fil-każ ta' "apprentice", čioè rabta reċiproka o "written agreement". Infatti, jekk ma jkunx hemm dan ir-rekwiżit speċjali, id-differenza kienet tkun imperċettibbli jew xejn, għax l-istess skop ta' l-"apprenticeship" hu dak "to acquire knowledge"; u del resto, kif innota ċ-

Chief Justice Lord Kenyen fil-kawża R. V. Lainden (Inhabitants) (1799), 8 Term. Rep. 379, il-kelma "apprentice" ġejja mill-kliem "apprendre" Franċiża, li tfisser "to learn";

Il-liġi tagħti (art. 2) definizzjoni ta' "learner" b'dawn il-kliem: "Learner means a person, other than an apprentice, who is over the age of fourteen years and under the age of nineteen years, and who is receiving training in a calling otherwise than in a school or institution maintained wholly or partly from public funds";

Kif wieħed jista' jara, is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni tħalli l-kwistjoni fejn hi, għaliex dak li hu in kwistjoni hu appuntu x'għandhom ifissru l-kliem "who is receiving training in a calling" fit-test Ingliż, tradotti fit-test Malti bil-kliem "li jkun qiegħed jiġi mrawwem f'sengħa";

L-Ewwel Qorti rriteniet li l-għemil ta' l-imputat ma hux kolpit mil-liġi, għax hu mpjega tnejn minn nies li diġà kienu jafu s-sengħa għax diġà kienu tgħallmuha band'oħra, li ma tgħallmu xejn ġdid, u li ma kienux qegħdin jiġu mgħallmin minn ħadd;

Issa, din il-Qorti tqħseb li, biex wieħed jara sewwa x'inhu s-sens tal-liġi, jeħtieġ li mal-kelma "learner" jakkoppja inxindibbilment il-kliem "who is receiving training in a calling". Vwoldiri, mhux korrett li wieħed jieqaf biss fuq il-kelma "learner" u jikkuntenta ruħu b'dak li etimoloġikament tfisser din il-kelma. Infatti, fil-ktieb dwar il-loġika, miktub minn Archbishop Whateley, ċitat bħala awtorità anki f'sentenza tal-Qrati Ingliżi, il-kelma "learning", minbarra "knowledge itself", tfisser ukoll "the act of acquiring knowledge". Kieku, għalhekk, wieħed kellu jillimita s-sens tal-kelma "learner" f'din il-liġi għal dan is-sens biss, allura jkun "learner" anki dak li, avvolja jkun jaf is-sengħa, ikun qiegħed jakkwista aktar tagħrif tagħha bil-prattika. Iżda l-liġi marret aktar 'il hemm minn daqshekk, u eżiġiet li, biex wieħed ikun kunsidrat "learner", jeħtieġ li jkun "receiving training in a calling". Ma hux biżżejjed li jkun qiegħed jipperfezzjona ruħu bil-prattika, imma jeħtieġ li jkun qiegħed jirċievi t-"training" fis-sengħa. Il-kelma "receive" neċessarjament tippredika li jkun hemm xi ħadd li qiegħed "jagħtih" dak il-"training". Vwoldiri li, biex il-Qorti

tista' tqies bniedem "learner", jeħtieġ li jirriżulta xi ħaġa aktar milli sempliċement il-każ ta' bniedem, sija pure fil-limiti ta' età fuq imsemmija, li jkun ġa jaf is-sengħa, u biss ikun qiegħed jakkwista aktar prattika billi jkun impjegat f'dik is-sengħa. Jeħtieġ li jkun hemm xi ħaġa aktar minn daqshekk; jeħtieġ li, per eżempju, ikun, b'raġun ta' l-impieg, qiegħed jakkwista xi ħaġa ġdida li ma kienx jaf qabel; xi ħaġa ġdida fis-sens li, jew ma kienx jaf xejn mis-sengħa tal-"printing", u tgħallem, per eżempju, jiġbed bil-makna, jew inkella kien jaf biss jikkomponi, u imbagħad, b'raġun ta' l-impieg, tgħallem jiġbed bil-makna. U jeħtieġ, dippjù, li jkun hemm xi ħadd li jkun qiegħed jgħallmu dak li ma jafx, għax altrimenti ma jkollhomx sens il-kliem ekwipollenti għall-kelma "learn", id est "to acquire knowledge", għax "knowledge" ġdid, biex takkwistaħ, hemm bżonn li jagħtihulek ħadd-ieħor;

Issa, fil-każ in ispeċje, dawn it-tnejn minn nies kienu ġa impjegati qabel band'oħra, kienu ġa jafu x-xogħol li kienu jagħmlu fl-impieg tagħhom ma' l-imputat, ma tgħallmu xejn ġdid, ma kien hemm ħadd min jgħallimhom xi ħaġa ġdida fl-arti tal-"printing", u l-prattika li ħadu ma' l-imputat ma kienetx affattu fis-sens li tgħallmu xi ħaġa tax-xogħol ta' stampa li qabel ma kienux jafu, iżda biss ħadu prattika iżjed, b'mod li l-"output" tagħhom żdied; u għalhekk l-imputat kien iżidhom fil-paga, mhux għax kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol ġdid li qabel ma kienux jagħmlu;

Għalhekk, din il-Qorti hi ta' opinjoni li s-sempliċi prattika li ħadu ż-żewġ impjegati Damato u Ciappara fil-kors ta' l-impieg tagħhom ma' l-imputat, b'mod li żiedu l-"output" tagħhom, ma tistax, mingħajr ma' wieħed jisforza indebitament is-sens tal-liġi, tekwivali għal "receiving training in a calling", għax altrimenti ma kien ikun hemm bżonn xejn affattu dawn il-kliem fil-liġi, imma kien ikun biżżejjed li l-liġi tgħid li hu "learner" kull min ikun impjegat, u jkun ta' l-età ta' aktar minn erbatax u anqas minn dżatax il-sena; għax "va da sè" li kull min jeżerċita sengħa jipperfezziona ruħu fiha. Iżda l-liġi riedet li hu jkun qiegħed jiġi mgħallem; u biex ikun imgħallem jeħtieġ li jkun mgħal-

lem minn xi ħadd, u jeħtieġ li dak it-tagħlim jagħtieħ xi konjizzjoni ġdida — li ma kienx il-każ fil-fattispeċje;

L-inkonvenjenti li jsemmi l-Attorney General fir-rikors ta' l-appell ma humiex materja ta' l-interpreti tal-liġi, iżda tal-leġislatur;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell tal-Prosekuzzjoni, u tikkonferma s-sentenza appellata.